**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Frar 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Charlene Gatt**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Charlene Gatt ta' 33 sena' bint Mario u Anna nee' Bartolo imwielda Pieta' fit-2 ta' Mejju 1985 u toqghod Sunny Vale Flat 2 Triq Ic-cern San Pawl Il-Bahar detentrici tal-karta ta' Identita' b'numru 254785M.

Akkuzata talli:

1) Fit-28 ta' Novembru 2018 ghall-habta ta' 1:40pm [saghtejn neqsin ghoxrin ta' wara nofsinhar] gewwa Triq ic-Cern San Pawl Il-Bahar u/jew f'dawn il-gzejjer minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkagunat hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Michelle

Agius minn San Pawl il-Bahar, skond kif iccertifikat Dr Michela Manfre' Med 5992 mill-Isptar Mater Dei.

2) Ukoll talli fl-istess cirkustanzi ghamlet [sic] Michelle Agius ingurji jew theddid mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali.

3) Ukoll aktar talli fl-istess cirkustanzi b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali kisret volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku.

4) Ukoll talli fl-istess cirkustanzi qabdet arma [martell] kontra Michelle Agius.

5) Ukoll talli kisret il-provvedimenti tal-Art. 7 tal-Kap 446 moghtija lilha.

6) Ukoll talli irrendiet ruhha recidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba f'kaz ta' htija tapplika l-Art 412 C a favur ta' Michelle Agius.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Michelle Agius tapplika l-provedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Rat in-nota tar-rinviju tal-gudizzju tal-Avukat Generali tal-30 ta' Dicembru 2019, fejn deherlu li tista' tinstab htija taht dak li hemm mahsub:

a) Fl-artikoli 214, 215, u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) Fl-artikolu 339(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) Fl-artikolu 23(1)(a)(2)(4) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
f) Fl-artikolu 17, 31, 49, 50, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 412D, 532A, 532B, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Semghet lill-imputata tiddikjara li m'ghandhix oggezzjoni li dawn il-proceduri kontra taghha jigu trattati bil-procedura sommarja.

4. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

5. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni. Minkejja li l-imputata giet moghtija l-fakolta li tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet risponsiva hija naqset li taghmel dan fit-terminu lilha preskritt.

**Il-FATTI**

6. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

   1. Fit-28 ta' Novembru 2018 ghall-habta tas-saghtejn neqsin ghoxrin ta' wara nofs in-nhar (1.40pm), il-Pulizija tal-Ghassa tal-Qawra irceviet telefonata li kien hemm glieda fi Triq ic-Cern, San Pawl il-Bahar. Meta l-Pulizija marru fuq il-post, sabu vettura ipparkjata li fiha kien hemm certa Michelle Agius li kellha wiccha kollu demm kif ukoll il-pala ta' idejha bid-demm ukoll.

   2. Michelle Agius qalet lill-Pulizija li kienet gejja bit-tifel mill-iskola, u meta kienet qed tipparkja harget certa Charlene Gatt – li kienet gara taghha - b'martell f'idejha, li fethet il-bieba ta' wara u pruvat thebb ghat-tifel taghha ta' sitt snin. Agius qalet li hi irnexxielha taghlaq il-bieba, pero, minghajr spjegazzjoni ta' xejn, Charlene Gatt qabdet ittiha bil-martell sew fuq dahra u kienet tata xi daqqa go wicca kif ukoll gidmitha.

   3. B'xi mod Agius qalet li irnexxielha tiehu il-martell minn idejn Gatt u ghaddiet il-martell lill-Pulizija. Dan kien martell tal-metal li jintuza fil-kcina ghal-laham.

   4. Il-Pulizija raw lil Charlene Gatt fil-gallarija ta' residenza fl-istess triq. Hija giet arrestata u ittiehdet l-Ghassa tal-Pulizija.

   5. Agius giet certifikata minn tabiba li qed issofri minn griehi ta' natura gravi.

   6. Konsegwentement ittiehdu dawn il-proceduri kontra l-imputata.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

7. L-unika xhud okulari ta' dan l-incident hija l-parti leza Michelle Agius. Fix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti, hija ikkonfermat bil-gurament in sostanza ir-rapport inizjali taghha mal-Pulizija dak-in-nhar tal-incident. Hija irrakkontat kif kienet marret tigbor lit-tfal taghha mill-iskola u kienet qed tipparkja fit-triq tar-residenza taghha gewwa Triq ic-Cern, San Pawl il-Bahar. Waqt li hija kienet bil-qieghda fil-vettura taghha flimkien ma' binha ta' sitt (6) snin u iehor ta' hames (5) snin, hija innutat il-bieba tal-vettura taghha tinfetah u xi hadd jipprova jahtifilha t-tifel taghha. Kif Agius marret sabiex izzomm lit-tifel taghha, hija spjegat li setghet tara lill-imputata b'martell f'idejha. Kien dak il-hin li hi sofriet diversi daqqiet bil-martell f'partijiet differenti ta' gisimha, kif ukoll gidmitha, gibditilha xaharha u bezqitilha go wiccha.

8. Agius xehdet li meta staqsiet lill-imputata ghalfejn qed taghmilha hekk din wigbitha *"Hekk irrid ghax int tiehu pjacir bid-deni ta' haddiehor."*[1] Agius tghid li hi qatt ma tat fastidju lill-imputata, anzi allegat li kienet l-imputata li xi xahar qabel kissritilha l-karozza ghalxejn. Agius qalet li ghalkemm kienet ghamlet rapport lill-Pulizija dwar dan l-incident, ma kinietx hadet passi kriminali jew civili kontra l-imputata.

9. Fl-istqarrija taghha Gatt ghazlet li ma twiegeb ghall-ebda domanda, kif kellha d-dritt li taghmel. Ghalkemm f'dawn il-proceduri hija inghat diversi opportunitajiet sabiex tressaq il-provi taghha, hija naqset li taghmel dan, tant li fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2021, din il-Qorti iddikjarat il-provi tad-difiza maghluqa.

10. Din il-Qorti ma ghandha l-ebda raguni ghalfejn tiddubita mill-veracita tax-xhieda ta' Agius, u tal-verzjoni tal-fatti moghtija minnha.

11. Mir-rapport u x-xhieda tat-tabiba Dr Michela Manfre jirrizulta li dak in-nhar ta' l-incident, Agius kellha s-segwenti feriti:

*"1. laceration wound 3mm in length over left temple area with some oozing;*
*2. Small abrasion over left canthal area.*

---
[1] Ara fol. 53 tal-process.

3. *Small circular bite (0.5cm in diameter) over right palmar aspect penetrating the skin."*

12. Dr Michela Manfre ikklassifikat dawn il-griehi bhala feriti ta' natura gravi.

13. Dr Mario Scerri, l-espert mediko-legali mahtur minn din il-Qorti, ezamina lil Agius fil-11 ta' Dicembru 2018. Huwa ikkonkluda ir-relazzjoni tieghu hekk:

*"2. Illi t-tbengila deskritta taht l-ghajn ix-xellugija kienet rizultat ta' blunt trauma, kellha kulur jaghti fil-kannella u baqghet tidher sal-11 ta' Dicembru 2018. Din il-lezjoni hija ta' natura hafifa.*

*3. Illi l-abrazjoni deskritta fuq il-pala tal-id il-leminija kellha qoxra xotta li kienet distakkata u din kienet rizultat ta' blunt trauma u suppost din il-lezjoni m'ghandhiex tibqa' tidher permanentement fuq il-pala tal-id."*

14. Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, Dr Mario Scerri qal ukoll li l-lezjoni li Agius kellha fuq wiccha mhux suppost thalli marka permanenti fil-wicc.

15. Il-kwistjoni li trid tiddeciedi din il-Qorti hija jekk il-feriti li sofriet Agius humiex ta' natura gravi jew ta' natura hafifa. L-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jikkontempla l-kaz fejn il-ferita *"jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż."* Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Paul Spagnol**, deciza fit-12 ta' Settembru 1996, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[2] irriteniet hekk:

*"B'mankament (jew fit-test Taljan tal-ligi taghna, allura Articolo 222, "deformita") fil-wicc, il-ligi qed tirreferi ghal kull deterjorament tal-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament "cioe peggioramento d'aspetto notevole o complessivo, o per l'entita della alterazione stessa, o per l'espressione d'assieme del volto." (Manzini, V.,* ***Trattato di Diritto Penale Italiano****, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235). Sfregju, mill-banda l-ohra, u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista ssir fir-regolarita' tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik*

[2] *Per* Imhallef Vincent DeGaetano

*li hija s-sbuhija tal-wicc. Skond gurisprudenza ormai pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma xulxin" (**Il-Pulizija v. Emily Zarb**, App. Krim., 15/2/58, Kollezz. Deciz. LXII.IV.1245, 1248). ... ... Kollox jiddependi mill-entita tal-hsara; mhux importanti x'tissejjah il-hsara fil-gergo mediku jew popolarment; dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wicc."* (sottolinear ta' dik il-Qorti).

16. Inoltre fis-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Dingli** deciza ukoll fit-12 ta' Settembru 1996, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[3] kompliet tispjega hekk:

*"L-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jghid li offiza hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f'certi postijiet tal-gisem, fosthom il-wicc tal-offiz. Ma huwiex mehtieg li dana l-mankament jew sfregju ikun permanenti jew li jdum ghal certu numru ta' sieghat, granet, gimghat jew xhur. Jekk, imbaghad, l-isfregju ikun gravi **u** permanenti ikun hemm il-figura tal-hekk imsejjha offiza gravissima kontemplata fl-Artikolu 218(1)(b). Ghall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) jekk hemm sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt (f'dan il-kaz il-magistrat) u dan kien perfettament intitolat li jasal ghall-konkluzjonijiet differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-qorti. L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-qorti tiddeciedi jekk offiza iggibx sfregju fil-wicc o meno irid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli l-ferita in kwistjoni fil-wicc. Dan mhux korrett. Kif ga inghad, ghall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) sfregju, anke ta' ftit granet, per ezempju sakemm is-suturi jew ponti ikunu ghadhom f'posthom, jammonta ghal offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u jghaddi aktar zmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bhala sfregju."*[4] (sottolinear u enfasi ta' dik il-Qorti).

17. Fid-dawl ta' dan l-insenjament, huwa car, li minkejja li Dr Mario Scerri, l-espert mahtur minn din il-Qorti, wasal ghal konkluzjoni li l-feriti sofferti minn Agius kienu ta' natura hafifa ghax ma kienx se jkollhom l-ebda konsegwenzi fil-futur, ma hemmx dubbju li Agius soffriet sfregju ai termini tal-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Mill-provi prodotti jirrizulta li kellha diversi feriti vizibbli fuq wiccha u fuq il-pala ta' idejha, li

---

[3] *Per* Imhallef Vincent DeGaetano.

[4] Ara wkoll fl-istess sens **Notes on Criminal Law** ta' **Prof. A.J. Mamo** a fol. 228.

sahhansitra kienu ghadhom visibli sew tlett gimghat wara l-incident meta Agius giet ezaminata mill-espert mahtur minn din il-Qorti.

18. Ghaldaqstant l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-imputata giet debitament ippruvata.

19. It-tieni, it-tielet u r-raba imputazzjonijiet ta' natura kontravvenzjonali gew ukoll debitament ippruvati bix-xhieda ta' Agius.

20. In oltre, gie debitament ippruvat li l-imputata ikkommettiet l-ewwel erba' imputazzjoni dedotti kontra taghha, fil-perjodu operattiv ta' ordni ta' Probation moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-22 ta' Mejju 2018.[5] Il-konnotati tal-imputata f'din is-sentenza huma identici ghall-konnotati tal-imputata odjerna.

21. Rigward l-addebitu tar-recidiva, din giet debitament ippruvata bis-sentenza ezibita moghtija kontra l-imputata fit-22 ta' Mejju 2018.

## Konsiderazzjonijiet dwar Piena

22. Fir-rigward tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fedina penali aggornata raffrettarja tal-imputata. Hija ghandha ghoxrin (20) kundanna minn dawn il-Qrati, kwazi kollha relatati ma' tlajjar ghal skopijiet ta' prosekuzzjoni, kundanna ghal frodi u diversi kundanni ghal ksur ta' ordnijiet ta' probation u ksur ta' digrieti tal-helsien mill-arrest. Tlieta minn dawn il-kundanni huma dwar reati kommessi matul dawn il-proceduri.

23. L-imputata inghatat diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati fosthom giet moghtija l-liberta kondizzjonata sitt (6) darbiet, tlett ordnijiet ta' probation u zewg sentenzi sospizi. Pero jidher li l-imputata ma gharfitx tuzufruwixxi ruhha mill-opportunijiet moghtija lilha minn dawn il-Qrati sabiex tirriforma ruhha, u baqghet tostina rasha li tibqa' mixja fit-triq tal-kriminalita.

24. Dan jirrizulta wkoll mill-attitudni taghha biex tirrabilita lilha infisha f'dawn il-proceduri. Dak in-nhar li l-imputata tresqet il-Qorti taht arrest, u cioe fid-29 ta' Novembru 2018,

[5] Ara fol. 102 tal-process.

din il-Qorti, diversament preseduta, kienet poggiet lill-imputata taht ordni ta' supervizjoni temporanja. Fis-seduta tal-20 ta' Frar 2019 gie registrat il-verbal segwenti:[6]

*"Dehret l-Ufficjal tal-Probation Joanna Farrugia li nfurmat lill-qorti li meta fit-23 ta' Jannar 2019 hija marret fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex issegwi lill-imputata, l-imputata ma ikkoperatx u irrifjutat li tiffirma l-consent form u meta hija regghet marret fl-4 ta' Frar 2019, l-ufficjali tal-Facilita sejhulha diversi drabi u baqghet ma deheritx.*

25. In vista ta' dan il-verbal, din il-Qorti irrevokat *contrario imperio* id-digriet li bih l-imputata giet impoggija taht ordni temporanja ta' supervizjoni, stante li l-imputata ma riditx tikkopera mal-Ufficjal tal-Probation, u ghaldaqstant ma kien hemm l-ebda skop li l-ordni ta' supervizjoni tibqa' fis-sehh.

26. Mhux sorprendentement, fil-prezent l-imputata tinsab tiskonta piena ta' prigunerija effettiva wara kundanna minn din il-Qorti, diversament preseduta.

27. Il-kaz odjern huwa kaz ta' vjolenza fizika fuq persuna privata, fejn gew kagunati feriti ta' natura gravi. Dan l-att ta' vjolenza sehh minghajr lanqas ma kien hemm l-icken provokazzjoni. Il-motiv ghal dan ir-reat jidher li hu l-fatt li xi xahar qabel l-incident de quo Agius kienet irraportat lill-imputata lill-Pulizija ghaliex allegat li kienet kisritilha l-vettura taghha. In oltre, dan l-att ta' vjolenza sehh quddiem zewgt itfal zghar li fortunatament ma wegghux fizikament matul dan l-incident.

28. Din il-Qorti hija tal-opinjoni li fil-kaz odjern japplika l-insenjamet tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[7] fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi**, deciza fit-30 ta' Lulju 2004:

*"Din il-Qorti, kemm kif illum presjeduta u kemm kif diversament presjeduta, kellha l-okkazjoni diversi drabi li tfisser li, bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dik ta' prigunerija b'effett immedjat. Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirriprestinaw l-ordni*

[6] Ara fol. 77-78.
[7] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano.

*pubbliku meta dan jigi sventerat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruhha f'xi forma ta' vjolenza fizika."* (ara fl-istess sens **Il-Pulizija vs Peter Camilleri et** deciza fid-29 ta' Jannar 2015 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri).[8]

29. In vista tal-fatt li f'dawn il-proceduri l-imputata instabet hatja li kisret ordni ta' probation, is-subincizi (2) u (3) ta' l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 jipprojbixxu lil din il-Qorti milli tpoggi lill-imputata taht sanzjoni komunitarja jew taghmel ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata, fil-waqt li l-Artikolu 28A(7)(c) tal-Kapitolu 9 jipprojbixxi lil din il-Qorti milli timponi sentenza sospiza, meta l-imputat ikun instab hati li huwa recidiv. Konsegwentement, fil-fatti specje tal-kaz odjern, din il-Qorti, fi kwalunkwe kaz, m'ghandiex xelta hlief li timponi piena karcerarja effettiva.

30. In oltre, il-Qorti sejra tittratta mal-hatja talli kisret l-ordni ta' probation moghtija lilha bis-sentenza tat-22 ta' Mejju 2018. Pero, din il-Qorti ma hux ser tittratta mal-imputata ghall-imputazzjoni 'd' f'dik is-sentenza, u cioe li kisret ordni ta' probation moghtija lilha lilha b'sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-11 ta' Settembru 2013, u dan stante li din is-sentenza tal-11 ta' Settembru 2013 ma gietx ezebita f'dawn il-proceduri.

**Konkluzjoni**

31. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Wara li rat l-Artikoli tal-ligi elenkati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tat-30 ta' Dicembru 2019, u cioe l-Artikoli 214, 215, 216(1)(b), 339(1)(e), 338(dd), 339(1)(b), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tar-reati fihom kontemplati, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannaha ghall-piena karcerarja ta' erba' (4) snin.

2. Inoltre, in vista tal-fatt li din il-Qorti sabet lill-imputata hatja li kisret il-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation tat-22 ta' Mejju 2018 maghmul minn din il-Qorti diversament preseduta, din il-Qorti qieghda, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-

---
[8] *Per* Imhallef Michael Mallia.

Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tittratta mal-hatja ghall-imputazzjonijiet li dwarhom hi kien tpoggiet taht tali ordni, daqs li kieku ghadha kemm giet dikjarata hatja minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet, u filwaqt li ghal kull buon fini tikkonferma l-htija fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet, tirrevoka l-Ordni ta' Probation ordnat bis-sentenza msemmija, u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 209 tal-Kodici Kriminali, l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-hatja ghal perjodu ulterjuri ta' erba' (4) xhur prigunerija.

Ghalhekk, il-hatja ghandha taghmel perjodu globali ta' erba' (4) snin u erba' (4) xhur prigunerija, li minnu ghandu jitnaqqas kull perjodu li l-imputata ghamlet taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri biss.

3. In oltre, il-Qorti tordna lill-hatja thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien xahar (1) minn meta jigi komunikat lilha l-ammont hekk dovut mir-Registratur tal-Qrati Kriminali. Pero jekk il-hatja tonqos li thallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilha preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

4. Ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront tal-hatja Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Michelle Agius. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tinħareġ għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data tal-iskadenza jew mahfra tal-piena. Din l-Ordni ta' Trażżin qed tiġi hawn imposta taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati fl-Ordni ta' Trażżin hawn annessa u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

5. Il-Qorti tordna li kopja ta' l-Ordni tat-Trazzin tigi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**